# STAĠUN 1964-65: FLORIANA V HAMRUN SPARTANS ABBANDUNATA

## L-Għaxar Ġurnata

**Sliema Wanderers u Rabat FC Bye**
**Hibernians lagħbu darbtejn**

**07-02-1965: Hibernians FC – Gżira Utd. FC 6-1** H.T 3-1
Ref: Carmel Galea
Skurjaw: E. Darmanin (H) 8', V. Cassar (H) 10' u 23', T. Sciberras (G) 39', V. Cassar (H) 51' u 87' u o.g S. Allard (H) 88'.

**Hibernians FC:** Freddie 'Il-Pampalun' Mizzi, Michael Zammit, Sunny Anastasi, Freddie Delia, Louis Theobald, Salvu 'Tal-Karettuni' Gatt, Tony Griffiths, Edward Darmanin, Victor 'Il-Palun' Cassar, Lorry Young, Eddie 'L-Għasfur' Theobald.

**Gżira Utd. FC:** Alfred Vella, Alfred Cristiano, Vince Relton (Albert Cristiano 61'), Nenu Chetcuti, Charlie Parnis, Tony Ciantar, G. Portelli, Twanny 'Ix-Xixu' Sciberras, Toninu Camilleri, Joe Galea (Victor Borg 65'), Sunny Attard.

1. Hibernians kellhom jgħaddu mingħajr is-servizzi tad-difensur Johnnie Privitera wara li fil-5 ta' Frar ġie sospiż għal xahar mill-Bord tad-Dixxiplina tal-MFA minħabba li fl-aħħar ħarġa kontra Floriana pprova jagħti daqqa b'rasu f'wiċċ ir-referee Ritchie Casha. Anke l-attakkant Jimmy Mizzi ġie sospiż sakemm jinqata' il-każ tiegħu quddiem il-Bord tad-Dixxiplina tal-MFA meta fl-istess partita pprova jattakka lir-referee Casha. Mizzi ġie awtomatikament sospiż sakemm jidher quddiem il-Bord. Meta nstema' il-każ tiegħu quddiem il-Kunsill tal-MFA fis-26 ta' Frar 1965 Mizzi kien nstab ħati li xejjer daqqa lir-referee Ritchie Casha u weħel sospensjoni ta' sena.

2. L-autogoal ta' Sunny Attard ġie kkaġunat wara li free-kick ta' Sunny Anastasi ħabat ma' rasu u qarraq bil-goalkeeper Vella.

3. Bl-erba' goals li skorja Victor Cassar tela' waħdu fil-quċċata tal-aqwa skorers bi 11-il goal minn tmien partiti - erba' goals iktar minn Joe Cini.

4. Bir-rebħa ta' 6-1 Hibernians kienu telgħu fil-quċċata tal-klassifika bi 13 il punt indaqs ma' Sliema Wanderers u b'mod rari jekk mhux uniku kellhom kollox l-istess sitt rebħiet, draw u telfa, 26 goal skurjati favur u sitt goals kontra.

5. Skond il-ġurnal 'Il-Ħaddiem' ir-referee tal-partita kien John Galea.

**13-02-1965: Hibernians FC – Ħamrun Sp. FC. 0-0**
Ref: Joe M. Cassar Naudi

**Hibernians FC:** Freddie 'Il-Pampalun' Mizzi, Michael Zammit, Sunny Anastasi, Frans Scerri, Louis Theobald, Salvu 'Tal-Karettuni' Gatt (Tony 'Il-Koku' Attard 68'), Lorry Young (Norman Buckle 46'), Edward Darmanin, Victor 'Il-Palun' Cassar, Tony Griffiths, Eddie 'L-Għasfur' Theobald.

**Ħamrun Sp. FC:** Charles Buttigieg, Patistu Attard, Joe Stanmore, Albert Calleja, Martin Attard, Joe Cauchi, Edward Spiteri, Charlie 'Il-Gidi' Zammit, Tony 'Euchar' Grech, Charles 'It-Topsy' Aquilina, Frans 'In-Nagħġa' Xuereb.

1. Hibernians kienu qed jilgħabu mingħajr Johnnie Privitera u Jimmy Mizzi li kienu għadhom sospiżi. Ġurnata qabel din il-partita Jimmy Mizzi kien deher il-Qorti akkużat li attakka lir-referee Ritchie Casha fi tmiem il-partita bejn Hibernians u Floriana tas-27 ta' Jannar 1965. Player ieħor nieqes għall-Pawlisti kien Freddie Delia li kien imweġġa'

2. Jumejn qabel din il-partita, fil-Laqgħa tal-Kunsill tal-MFA, il-players ta' Ħamrun Spartans Gejtu Briffa u John Zarb ġew sospiżi xahar kull wieħed (li sarrfu f'partita waħda) filwaqt li Eddie Moore u Lolly Muscat ġew sospiżi għal sena mill-MFA wara l-inkwiet fl-aħħar ħarġa kontra Floriana. Ġimgħa qabel kien ġie sospiż ukoll Albert Calleja minħabba l-istess inkwiet iżda l-player skonta l-logħba sospensjoni fil-League tar-Reserves u seta' jilgħab mal-kbar.

3. Charles Aquilina skorja għall-Ispartans wara 21 minuta minn pass ta' Charlie Zammit iżda għalkemm il-linesman Pawlu Bonett ġera lejn nofs il-ground jissenjala l-goal, ir-referee Cassar Naudi ħassar il-goal għal offside. Segwew protesti ħorox mill-Ispartans.

4. Salvu Gatt ġie mibdul f'nofs it-tieni taqsima wara li weġġa' u ma setax ikompli.

5. Wara dan id-draw mhux mistenni, il-Kumitat ta' Hibernians ħabbar li kien qed jikkunsidra li jirriżenjaw mill-kariga en-bloc. Fl-istess ħin il-partitarji talbu lill-Kumitat għal-Laqgħa Ġenerali Straordinarja sabiex jiddiskutu l-qagħda preżenti tat-team. Il-Laqgħa saret il-Ħadd 28 ta' Frar 1965 fejn il-partitarji insistew li għandhom jidħlu players tal-Minors minflok players stabiliti li ma kienux għaddejjin minn forma tajba.

6. Ġurnata wara, f'partita mill kampjonat tar-Reserves, Hibernians kienu għelbu lill-Ispartans 3-0 b'goal ta' Vassallo u żewġ goals ta' Charlie Cutajar 'Il-Big Boy' magħruf f'Raħal il-Ġdid bħala Charlie il-Boxer.

**14-02-1965: Valletta FC – Floriana FC 2-0** H.T 2-0
Ref: Turu Lentini
Skorja: C. Williams (V) 14' u 34'.

**Valletta FC:** Mike Galea, Joe Bugeja, Vince 'Iċ-Ċorma' Gauci, Charlie Williams, Leonard Mizzi, Johnnie Attard, Joe Cutajar, Tony Connor, Tony Calleja, Frankie Zammit, George Micallef.

**Floriana FC:** Norman Vella, Lolly Debattista, Pullu Bartolo (Joe Borg Micallef 60'), Norman Scott, Edward Azzopardi, Freddie Vella James, Joe Fava (Louis Bugeja 70'), Żarenu Alamango, Tony 'Il-Majsi' Cauchi, Lolly Borg, Hugh Caruana.

1. Iż-żewġ teamijiet ħarġu għal logħba b'żewġ goalkeepers ġodda. Ma' Valletta ddebutta l-goalkeeper Mike Galea li huma kienu akkwistaw mingħand Żurrieq FC. Bejn l-1951 u l-1954 huwa kien lagħab tmien darbiet fl-Ewwel Diviżjoni ma' Floriana. Huwa ħa post l-goalkeeper Stivala li kienet ħarġitlu logħba ħażina fl-aħħar ħarġa kontra Sliema Wanderers. Minn naħa tagħhom Floriana kellhom lil Norman Vella bejn il-lasti minħabba li l-goalkeeper regolari Nenu Fabri kien ma jiflaħx. L-unika logħba ta' Vella f'dan il-kampjonat kienet f'Novembru fit-telfa ta' 3-2 kontra Ħamrun Spartans.

2. Valletta rebħu l-partita b'mossa tattika tal-coach Karm Borg li kien jaf li Joe Fava dejjem jimmarka lill-attakkant perikoluż tal-avversarji f'dan il-każ Frankie Zammit. Għal din il-partita huwa miżżel lil Frankie Zammit fid-difiża u tella' lid-difensur Charlie Williams fl-attakk bil-konsegwenza li Fava beda jinqabad 'l fuq ma' Zammit u Williams għamel il-ħsara kollha n-naħa l-oħra.

3. Fid-19-il minuta Charlie Williams kien għoddu skorja goal ieħor iżda x-xutt tiegħu ġie salvat minn fuq il-linja minn Lolly Debattista bil-goalkeeper Vella megħlub.

4. Il-partita intlagħbet taħt xita kontinwa li mal-ħin żdiedet għal xita bil-qliel b'għadajjar kbar f'diversi bnadi tal-ground.

5. Floriana kienu ilhom sitt partita ma jsofru telfa wara li kienu bdew il-kampjonat b'żewġ telfiet konsekuttivi. Minn dak in-nhar segwew tliet drawijiet u tliet rebħiet inkluża rebħa ta' 2-0 fuq iċ-Champions Sliema Wanderers.

6. Ġimgħatejn qabel, fit-30 ta' Jannar, il-player ta' Valletta Tony Connor kien iddebutta fl-isport tal-boxing bi ġlieda kontra Anthony Spiteri fl-Amazon Theatre f'Ħal Qormi. L-avveniment prinċipali tas-serata kienet il-ġlieda bejn Charles Seguna 'Il-Letz' u l-boxer Ingliż Eddie Jones mirbuħa minn Seguna b'knock out fit-tielet round.

Gżira United, Sliema Wanderers u Rabat FC lagħbu partita inqas

Klassifika: Hibernians FC 14-il pt.; Sliema Wdrs. FC 13-il pt.; Valletta FC 12-il pt.; Floriana FC 9 pti.; Ħamrun Sp. FC 6 pti.; Gżira Utd. FC 4 pti.; Rabat FC 2 pti.

L-Aqwa Skorers: V. Cassar (Hibernians FC) 11-il goal; J. Cini (Sliema Wdrs. FC) 7 goals; T. Cauchi (Floriana FC) u R. Buttigieg (Sliema Wdrs. FC) 6 goals; L. Micallef (Sliema Wdrs. FC) u F. Zammit u T. Calleja (Valletta FC) 5 goals.

## AĦBARIJIET

Fil-festa ta' San Pawl, nhar l-10 ta' Frar 1965 fl-10.15 a.m, Sliema Wanderers u Sarajevo tal-Jugoslavja spiċċaw fi draw ta' 3-3. Sarajevo, li kienu jinsabu fit-tieni post tal-klassifika fil-Jugoslavja, kienu waslu Malta ġurnata qabel. Il-Wanderers skurjaw żewġ goals kmieni minn Ronnie Cocks wara sitt minuti u Joe Cini fit-12-il minuta iżda l-Jugoslavi ġabu l-iskor indaqs sal-mistrieħ b' goals minn Cerkic fl-24 minuta u Sehovic fil-41minuta. Ftit wara l-mistrieħ Sarajevo marru fil-vantaġġ b' goal ta' Cerkic fit-63 minuta biex Joe Cini kiseb id-draw għall-Wanderers disa' minuti mit-tmiem. Ikkontrolla l-partita Joe Cassar Naudi. Sliema kienu ħadu £25 minbarra li qasmu l-Gate Money mal-Istadium Management u mal-MFA.

Fil-11 ta' Frar 1965 il-Kunsill tal-MFA ddeċieda li jneħħi lil St. John FC tal-Imsieraħ mill-kampjonat tal-MFA wara li ma niżlux għal-logħob fl-aħħar tliet logħbiet.

F'partita mill-kampjonat tal-Ewwel Diviżjoni Reserves fix-Schreiber bejn Hibernians FC u Ħamrun Spartans li ntlagħbet fl-14 ta' Frar 1965, Hibernians rebħu bl-iskor ta' 3-0 bil-goals tagħhom jaslu darbtejn minn Charles Cutajar u l-goal l-ieħor minn Vassallo. Cutajar kien sar popolari fi sport differenti tal-Boxing fejn kien magħruf bħala Charlie 'Il-Big Boy'. Huwa kien ħalla ħajtu fl-eta ta' 32 sena proprju waqt ġlieda boxing li saret fl-istess ground tax-Schreiber fl-1 ta Settembru 1974 kontra t-Taljan Francesco Piccanelli.

Fil-15 ta' Frar 1965 Joe Cilia ddebutta ma' Melita Eagles f'telfa ta' 7-2. Cilia beda jilgħab mall-club Awstraljan wara li ntlaħaq ftehim mall-club ta' Valletta fejn is-somma ta' trasferiment tniżżlet minn £3,000 għal £500.

Fi tmiem il-partita tal-Minors bejn St. Paul's (B'Kara) u St. Joseph li ntlagħbet fil-21 ta' Frar 1965 u ntemmet f'rebħa ta' 1-0 għal St. Paul's, il-players u partitarji ta' St. Joseph attakkaw lir-referee Farrugia u l-linesmen.

Fit-28 ta' Frar 1965, Ħadd il-Karnival, ma kienx hemm logħob tal-MFA ħlief għal żewġ partiti mill-kampjonat tar-Reserves li fihom Valletta għelbu lil Floriana 3-0 u Sliema għelbu lil Gżira 1-0 b'goal ta' Ġorġ Tonna li kien għadhom kemm iffirmaw mingħand Rabat. Fil-fall Tonna kien diġa skorja fid-debutt mall-Wanderers fi friendly kontra St. George's li Sliema rebħu 4-0. Fl-istess ġurnata fix-Schreiber kien hemm partita bejn żewġ teamijiet tan-nisa lebsin il-flokkijiet ta' Sliema Wanderers u Hibernians. Il-partita kienet intemmet 1-1 b' M. Bowerman tiftaħ l-iskor għal Hibernians minn penalty u R. Zammit tikseb id-draw għall-Wanderers. Diane Debono ta' Sliema Wanderers, oħt il-goalkeeper Alfred Debono, kienet laqtet il-lasta minn penalty.